**Reġjun Għawdex**

Laqgħa Nru 57/2016

**Minuti tas-sebgħa u ħamsin laqgħa tal-Kumitat Reġjonali Għawdex li saret fis-Sala tal-Kunsill Lokali Rabat – Città Victoria nhar il-Ġimgħa 29 ta' April 2016 fis-6.30 p.m.**

Il-Laqgħa bdiet b'dawn il-membri preżenti:

| *Kunsill Lokali* | *Rappreżentant* | *Parteċipazzjoni* | *Membru Sostitut* | *Parteċipazzjoni* |
|---|---|---|---|---|
| Fontana | Sur Saviour Borg | Preżenti | Sur Victor Cefai | - |
| Għajnsielem | Sur Franco Ciangura | Preżenti | Sur Kevin Cauchi | - |
| Għarb | Sur David Apap Agius | Indispost | Srna Carmen Vella | - |
| Għasri | Dr Daniel Attard | Assenti | Sur Emanuel Mintoff | Assenti |
| Ta' Kercem | Sur Mario Azzopardi | Preżenti | Sur Paul Mizzi | - |
| Il-Munxar | Sra Carmena Said | Preżenti | Sur Robert Mallia | - |
| In-Nadur | Sur Edward Said | Preżenti | Sur Eucharist Camilleri | - |
| Il-Qala | Perit Clint Camilleri | Assenti | Sur Jesmond Borg | Assenti |
| Rabat Citta' Victoria | Dr Samuel Azzopardi (President) | Preżenti | Sur Josef Schembri | - |
| San Lawrenz | Sur Noel Formosa (Viċi-President) | Preżenti | Sur Anthony Formosa | - |
| Ta' Sannat | Sur Philip Vella | Indispost | Sra Frances Galea | Indisposta |
| Ix-Xagħra | Sur Joseph Cordina | Skużat | Sur Aaron Agius | Assenti |
| Ix-Xewkija | Sur Paul Azzopardi | Assenti | Sur Domenic Zerafa | Assenti |
| Iż-Żebbuġ | Sur Nicky Saliba | Preżenti | Mr Daniel Cordina | - |
| Segretarju Eżekuttiv | Sur George Refalo | Preżenti | - | - |

1. **<u>Qari, konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa preċedenti</u>**

1.1 Il-Laqgħa bdiet fis-6.56p.m. għax ma kienx hemm *quorum*. Intqalgħet it-talba tal-bidu. Inqraw il-minuti tal-ħamsa u ħamsin(55) u tas-sitta u ħamsim(56) Laqgħa rispettivament u ġew approvati unanimanent.

2. **<u>Punti imqajjma mill-Minuti</u>**

2.1 Il-President Dr Samuel Azzopardi, stieden lilll-membri preżenti sabiex iqajjmu xi punti mill-Minuti tal-laqgħa preċedenti li kienu għadhom kif inqraw sabiex tkompli d-diskussjoni dwarhom.

Peress li ma kienx hemm punti imqajjma mill-membri preżenti, is-Segretarju Eżekuttiv informa lir-Reġjun rigward:

- *Il-Ħaddiema tad-Dipartiment assimilati mar-Reġjun Għawdex* - Li d-Dipartiment għall-Gvern Lokali għar-risposta tat-tieni kjarifika, għadda l-lista tax-xogħol li jistgħu jagħmlu ħaddiema tekniċi skont il-*Public Service Management Code* (PSMC). Il-President informa lir-Reġjun li wara li flimkien mas-Segretarju talab laqgħa mal-ħaddiema in kwistjoni fejn ġew esplorati l-possibiltajiet ta' xogħol li jistgħu jingħataw skont il-grad tagħhom, kien hemm qbil li ikun aktar aħjar għal kulħadd jekk ir-Reġjun jerġa' jafdalhom f'idejhom ix-xogħol li kienu jagħmlu fil-bidu mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali li kien jikkonsisti f'li jagħmlu *surprise inspections* fil-Lokalitajiet ta' Għawdex u jirraportaw lill-Kunsilli Lokali rispettivi dak kollu li josservaw li mhux kif suppost jew sewwa jew xieraq sabiex jitranġa mill-aktar mill-aktar fis possibbli.

  Wara diskussjoni interessanti fejn il-membri preżenti esprimew is-sodisfazzjon tagħhom għall-fatt li dan l-issorveljar ser jerġa jidħol fis-seħħ għax kien ħafna utli, qabblu unanimament li dawn il-ħaddiema għandhom jingħataw dan ix-xogħol kif ukoll jitwaqqaf il-*Gozo Regional Inspectorate.*

  Ir-Reġjun inkariga lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jinforma lill-Kunsilli Lokali ta' Għawdex b'dan l-ispettorat li ġie imwaqqaf;

- *Ittra Legali tal-Kumpanija TOAD Management Services Ltd.* – Fejn ġie spjetgat kif wara li d-Dottoressa Schembri kienet ġiet infurmata sabiex fir-risposta li tibgħat f'isem ir-Reġjun Għawdex ikun importanti li terġa' tenfasizza l-punt li r-Reġjun Għawdex kien ittermina l-kuntratt lill-Kumpanija *TOAD Management Services Ltd.* mhux b'kappriċċ jew biex jikkomprometti l-integrità tar-Reġjun Għawdex imma biss għax hekk kien ġie ordnat jagħmel mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, hi kienet tal-parir li ġaladarba ser jerġa' jiġi ripetut l-istess diskors jagħmel aktar sens li ma tintbagħat l-ebda risposta għall-ittra tal-kumpanija.

  Wara li l-membri iddiskutew il-każ in konjizzjoni tal-probabbiltà li tinfetaħ kawża lir-Reġjun mill-Kupanija *TOAD Management Services Ltd.*, ġie deċiż li r-Reġjun għandu joqgħod fuq il-parir tad-Dottoressa Schembri u ma jirrispondix l-ittra legali.

  Ir-Reġjun inkariga lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jirringrazzja lid-Dottoressa Schembri tax-xogħol li għamlet u jitlobha l-kont;

- *Kirja tal-Garage/Store għat-Tribunal Reġjonali* – Fejn is-Segretarju informa lill-membri preżenti li wara li r-Reġjun Għawdex approva fl-aħħar laqgħa li għandu japplika għall-kiri ta' *garage/store* proprjeta' tal-Kunsill Lokali Ta' Kerċem għall-prezz ta' €1100 fis-sena, kif l-applikazzjoni ġiet aċċettata u li hu mistenni li l-kuntratt mal-Kunsill Lokali Ta' Kerċem jiġi ffirmat fil-ġranet li ġejjin u li kien qiegħed jitressaq għall-approvazzjoni jew mod ieħor l-ewwel ħlas tal-kera li jrid jiġi preżentat mal-iffirmar tal-kuntratt. Is-Segretarju informa lir-Reġjun ukoll li d-dokumenti kollha tat-Tribunal flimkien ma' xi dokumenti tar-Reġjun Għawdex kienu diġa inġarru mill- *garage/store* preċedenti għal dak ġdid sabiex ma titħallasx aktar kera lis-sid preċedenti.

  Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri preżenti ukoll kif meta kienu qegħdin jiġu trasferiti dawn id-dokumenti tat-Tribunal fil-preżenza tas-Sur David Soler bħala rappreżentant tal-Kumpanija *TOAD Management Services Ltd.* ir-Reġjun Għawdex ġie offrut jikkunsidra jixtrix xkaffar ġdid li kien hemm fil-*garage* tas-Sur Borg Caruana għall-prezz ridott ta' €150 u li dan hu muri fl-iskeda tal-pagamenti li ser jiġu preżentati aktar tard għall-approvazzjoni jew mod ieħor.

Wara evalwazzjoni ta' dan l-ixkaffar, il-membri qabblu li minħabba l-kundizzjoni ġdida li jinsab fih l-ixkaffar u għal dak il-prezz mitlub, dan l-ixkaffar għandu jinxtara.

- *Il-Ħruġ ta' Quotation għas-servizzi ta' Accountant* - Li wara li r-Reġjun Għawdex kien kiseb l-approvazzjoni tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali li jista' joħroġ is-sejħa għall-*Quotations* bis-sistema manwali, ir-Reġjun kien ippubblika s-sejħa fid-29 ta' Marzu 2016 u li din kienet għalqet proprju dakinhar filgħodu. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li kien hemm sebgħa(7) kumpaniji li kienu wrew l-interess fil-bidu imma li eventwalment kienu biss tnejn(2) li tefgħu l-*Quotation* li huma *ACT Advisory Services Ltd* għall-prezz ta' €4,000 u s-Sur Daniel Galea għall-prezz ta' €2,499, it-tnejn il-VAT mhux inkluża fil-prezz għax hekk kien mitlub.

  Il-President Dr Samuel Azzopardi filwaqt li informa li hu ma jistax jiċċerja l-Bord tal-Evalwazzjoni ġaladarba l-*Accountant* attwali tar-Reġjun Għawdex, is-Sur Daniel Galea, reġa' kien wieħed miż-żewġ offerenti, inkariga lill-Viċi-President is-Sur Noel Formosa sabiex ikun hu c-*Chairman* tal-Bord tal-Evalwazzjoni, kif ukoll lis-Sur Franco Ciangura u lis-Sur Mario Azzopardi sabiex ikunu membri tal-istess Bord flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv is-Sur George Refalo.

  Il-President Dr Samuel Azzopardi talab ukoll lir-Reġjun japprova estensjoni oħra tal-kuntratt lis-Sur Daniel Galea li din għanda tingħata sakemm ikun ġie magħżul l-*Accountant* il-ġdid wara li ssir l-evalwazzjoni. Il-membri preżenti approvaw l-estensjoni definita.

- *It-talba mir-Reġistratur tat-Tribunal Reġjonali għall-estensjoni tal-Kuntratt* - Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li sal-lum ir-Reġjun Għawdex kien għadu ma irċieva l-ebda risposta mil-LESA dwar dan is-suġġett. Għalhekk il-membri inkarigaw lis-Segretarju sabiex jibqa' jsegwi l-każ ħalli ix-xogħol ta' Reġistratur fit-Tribunal Reġjonali jibqa' għaddej, sew jekk tinħareġ applikazzjoni mir-Reġjun kif ukoll kemm-il darba hemm il-ħsieb li dan il-post jiġi assimilat mil-LESA ukoll.

- *It-talba għall-Photocopier, Printer u Scanner għat-Tribunal Reġjonali* – fejn is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri preżenti li wara li ġie evalwat l-ammont ta' xogħol li t-Tribunal jipproċessa, instab li ma hux vijabbli li r-Reġjun jidħol f'kuntratt ma' kumpanija li toffri l-għażla li jinxtara s-servizz biss u mhux l-apparat ukoll, u li għalhekk kien diġa qiegħed jiġbor il-kwotazzjonijiet rispettivi biex imbagħad ikun jista' jipproċedi skont l-aktar prezz vantaġġjuż sabiex it-Tribunal ikun attrezzat bl-aħjar mod possibbli sabiex jaqdi l-funzjonijiet tiegħu kif suppost.

- *Il-Laqgħa mal-ġenituri tal-istudenti li ser jirrappreżentaw lir-Reġjun Għawdex f'Aquitaine* - li fuq xewqa tal-President illum qabel il-laqgħa tar-Reġjun kienet inżammet din il-laqgħa mal-istudenti u l-ġenituri tagħhom kif ukoll mas-Sindki ta' dawk il-Kunsilli Lokali li ser iħallsu l-ispejjeż tal-biljett tal-ajru tal-istudenti bl-iskop li kulħadd jifhem aktar l-importanza tal-parteċipazzjoni ta' dawn l-istudenti promettenti f'dan l-avveniment annwali uniku fejn numru ta' mużiiċisti żgħażagħ minn Reġjuni differenti tal-Ewropa jingħaqdu sabiex jiffurmaw l-*European Youth Orchestra*, kif ukoll sabiex ġew infurmati bis-sagrifiċċji finanzjarji mhux żgħar li l-Kunsilli Lokali rispettivi kienu qegħdin jagħmlu għal ġid ta' dawn l-studenti u għal din l-opportunita' unika li qed jingħataw tant li r-Reġjun kien invadut minn talbiet ta' għalliema Maltin li xtaqu li jipparteċipaw f'dan il-Festival akkost li jħallsu l-ispejjeż kollha huma u jagħtu donazzjoni lir-Reġjun. Is-Surmast Mark Gauci ma setax jattendi din il-laqgħa minħabba impenji mużikali oħra.

Imbagħad il-laqgħa tkompliet skont l-Aġenda maqbula.

## 3. <u>Il-proċeduri l-ġodda dwar l-iskart goff kif introdotti mill-*Wasteserv Malta Ltd*.</u>

3.1 Il-President Dr Samuel Azzopardi filwaqt in aġġorna lill-membri preżenti dwar il-laqgħa li kellu mas-Segretarju Parlamentari Dr Stefan Bountempo dwar din il-materja wara li ġiet milqugħa t-talba tar-Reġjun sabiex din l-istess materja tiġi inkluża fuq l-Aġenda tal-laqgħa, appella biex il-Kunsilli Lokali josservaw il-proċeduri mogħtija mill-entitajiet rispettivi sabiex kemm jista' ikun jiġi evitat kull lok

għall-abbuż minn min għandu interess li jagħmel dan. Hu imbagħad stieden lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex joġġorna lill-membri preżenti dwar il-laqgħa preliminari li kellu dakinhar stess filgħodu mal-Uffiċċjali tal-*Environment Resources Authority* (ERA) is-Sur Kevin Mercieca u s-Sur Alfred Sharples.

Għaldaqstant, is-Segretarju Eżekuttiv is-Sur George Refalo, beda billi ikkjarifika li dawn ir-rappreżentanti kienu ħassew li għandhom jagħmlu l-laqgħa informali dakinhar stess fillgħodu proprju għax dakinhar li ssejħet ill-laqgħa urġenti huma la kienu attendew u lanqas kienu infurmaw b'dan lir-Reġjun Għawdex peress li minħabba r-riforma fl-Awtorita' Maltija għall-Ambjent u l-Ippjanar (MEPA), huma ma kienux irċevew l-*email* tar-Reġjun. Is-Segretarju Eżekuttiv filwaqt li informa lill-membri preżenti dwar l-eżitu tal-laqgħa li kellu ma' dawn l-uffiċċjali reġa' wassal l-appell ta' dawn l-Uffiċċjali lill-Kunsilli Lokali sabiex josservaw il-proċeduri mogħtija mill-entitajiet rispettivi sabiex kemm jista' ikun jiġi evitat kull lok għall-abbuż minn min għandu interess li jagħmel dan. Fl-aħħar ħabbar ukoll lill-membri preżenti dwar laqgħa li l-istess Uffiċċjali tal-ERA kienu qed jissuġġerixxu li jagħmlu kif kienu mitluba mir-Reġjun kif ukoll dwar laqgħa informattiva li l-Ministeru għall-Iżvilupp Sostenibbli, Ambjent u Tibdil fil-Klima kien qiegħed jitlob li tinżamm ġewwa Għawdex dwar l-introduzzjoni tal-*organic bag* u kif l-organizzazzjoni tagħhom it-tnejn rispettivament kienet ser titressaq fl-aħħar tal-laqgħa.

Wara diskussjoni interessanti fejn ġew spjegati ħafna punti mqajjma fl-aħħar laqgħa tar-Reġjun dwar is-suġġett, is-Segretarju Eżekuttiv ġie mitlub sabiex wara li tinżamm il-laqgħa dwar l-introduzzjoni tal-*organic bag* peress li fiha tista' tingħata aktar informazzjoni utli f'dan ir-rigward, għandhom jiġu komunikati lill-Kunsilli Lokali ta' Għawdex, il-punti li r-Reġjun Għawdex kien qiegħed jaqbel fuqhom skont l-eżitu mid-diversi laqgħat li saru u li r-Reġjun kien qiegħed jaqbel magħhom sabiex iserrvu ta' gwida għall-Kunsilli Lokali.

3.2 Dawn il-punti maqbula mill-membri kollha huma biex il-Kunsilli Lokali:

Ma jippermettu għall-ebda raġuni jew skuża li l-kollettur jiddeżisti milli jiġbor xi tip ta' skart fil-Lokalita' jew jippermettu li l-kollettur jonqos milli jonora l-kuntratt li l-istess Kunsilli Lokali għandhom miegħu għal ġbir ta' skart fil-Lokalità tagħkom. X'jitfgħu ċ-ċittadini fil-boroż la ser jinżammu responsabbli għalih il-Kunsilli Lokali u lanqas il-kollettur għax il-*Wasteserv* dan jirrikonoxxuh u sakemm dan jibqa' sfortunatament jsir **biss** miċ-ċittadini, hu aċċettat imma minn ħaddieħor le.

Rigward il-ġbir tal-*Bulky Refuse*, jaderixxu mal-proċess li nediet l-*Environment Resources Authority* (ERA) sabiex jevitaw li l-kolletturi jiddikjaraw *Bulky Refuse* oltrè dak awtorizzat mill-Kunsill Lokali rispettiv;

Jevitaw kemm jista' jkun li jinġabar aktar minn tip ta' skart wieħed fl-istess ħin jew fl-istess ġurnata sabiex il-Kunsilli ma jikkompromettux ruħhom kompliċi mal-iskużi li l-kolletturi qegħdin jużaw kull meta jsiru *surprise inspections* mill-Uffiċċjali tal-*Wasteserv* ġewwa t-*Transfer Station* jew l-*Amenity Sites* u jinstab li għandhom skart imħallat meta jafu li mhux suppost jitħallat skart ma dak reċiklabbli. Dan ma japplikax għal ġranet li fihom isir ġbir ta' *Bulky Refuse* li jista' jinġabar skont id-diskrezzjoni tal-Kunsill Lokali rispettiv;

Kull meta jingħata s-servizz tal-*open skips* fil-Lokalità, għandu jinżamm *attendant* magħhom biex jiġi evitat li jintrema skart illegali fihom sabiex jiġu evitati akkużi jew spejjeż żejda lill-Kunsilli Lokali. Fejn il-Kunsilli Lokali jistgħu joffru aktar minn *open skip* wieħed biex is-separazzajoni tal-iskart tkun tista' issir fil-post hu ħafna rakkomandat;

Jinstallaw *surveillance cameras* kemm-il darba jiġi rrapurtat li qed isiru abbużi fil-*Bring-in-sites* li il-Kunsilli Lokali għandkom fil-Lokalità tagħkom;

Jinfurmaw lil min jikkuntattjakom dwar skart tal-ġonna li dan għandu jintrema mal-iskart domestiku normali sakemm tiġi introdotta l-*organic bag* fejn wieħed ser ikun jista' jarmi fjuri u weraq fiha, mentri zkuk jew injam ieħor għandu dejjem jittieħed direttament fit-*Transfer Station* tal-Wasteserv li hemm f'Tal-Kus, Limiti tax-Xewkija, Għawdex.

## *4.* **Ir-Rapport dwar l-i*Street Lighting Devolution Agreement***

4.1 Il-President Dr Samuel Azzopardi filwaqt li fakkar kif hu kien talab laqgħa mall-Kuntrattur *Galea Curmi Engineering* fejn fost affarijiet oħra kien talbu iħejji rapport dettaljat fejn mhux biss jidentifika dawk in-nuqqasijet kollha li ġew kawżati bil-bdil tal-lanterni fit-toroq imma ukoll sabiex jirrakkomanda

soluzzjonijiet sabiex jiġu indirizzati l-problemi li jeżistu, informa lir-Reġjun li dan ir-rapport reġa' għadu mhuwiex lest.

4.2 Għalhekk il-President Dr Samuel Azzopardi filwaqt li stqarr li dan id-dewmien mhux ġustifikat, talab lir-Reġjun jinkariga lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jikkuntattja lill-Kuntrattur *Galea Curmi Engineering* fejn jitolbu ilesti dan ir-rapport u li jekk jinstab li hemm xi Kunsilli Lokali li mhux qed jikkoperaw, biex jipproċedi bit-tlestija tar-rapport mingħajrhom filwaqt li jirrimarka dan in-nuqqas serju minn dawk il-Kunsilli Lokali li ma urewx interess fl-istess rapport għall-informazzjoni ta' kull minn jaqrah fil-futur.

4.3 Il-President Dr Samuel Azzopardi talab ukoll lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jinsisti mal-kuntrattur *Galea Curmi Engineering* biex ilesti l-ispeċifikazzjonijiet li hemm bżonn li jiġu nklużi fil-*Period Contract* li r-Reġjun jixtieq li jippubblika kemm dwar ix-xiri ta' lanterni ġodda bħal dawk li twaħħlu fit-toroq diġa, kif ukoll dwar il-bdil jew twaħħil ta' arbli ġodda għal dawn il-lanterni sabiex ir-Reġjun Għawdex ikun f'pożizzjoni li joħroġ dawn is-sejħiet mill-aktar fis possiblli peress li l-urġenza li dawn il-*period contracts* ikunu diġa fis-seħħ qegħda dejjem tiżdied aktar ma jgħaddi żmien.

4.4 Il-membri preżenti qabblu unanimament mal-proposti imressqa mill-President u inkarigaw lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jipproċedi kif diskuss.

4.6 Imbagħad, numru ta' membri preżenti saqsew dwar x'inhi l-proċedura korretta meta ikun irid isir rapurtaġġ ta' xi bozza mitfija. Is-Segretarju Eżekuttiv għarrafhom li l-kuntratturi li rebħu l-offerta għall-manteniment ta' dawn l-lanterni huma Camray Companry Ltd, Electrical Supplies & Services ltd., Nexos u Econetique Ltd. Dawn min-naħa tagħhom is-subkontraktjaw lis-Sur Richard Cauchi sabiex jagħmel it-tiswijiet meħtieġa f'isimhom. Biss, il-Kumpanija *Galea Curmi Engineering* fil-kapaċità tagħha bħala *Contracts Manager* tal-Kunsilli Lokali ta' Għawdex, kreat is-sistema preżenti ta' kif jiġu rapurtati l-ħsarat tal-lanterni tat-toroq speċifikament għall-konvenjenza tal-Kunsilli Lokali proprju sabiex tiffaċilità l-proċess lill-Kunsilli Lokali ta' Għawdex. U għalhekk kull rapport li jsir jgħaddi minn għand din il-kumpanija.

Għaldaqstant, is-Segretarju Eżekuttiv insista sabiex kull rapport li jsir mill-Kunsilli Lokali ta' Għawdex dwar id-dwal tat-toroq, isir bis-sistema tal-*Contracts Manager* tagħhom *Galea Curmi Engineering*, kif ukoll kemm-il darba tinħass il-ħtieġa li għandha jssir xi insistenza speċjali fuq xi lanterna partikulari, il-Kunsilli Lokali għandhom ikellmu lill-Kuntratturi imsemmija aktar qabel li rebħu l-offerta għall-manteniment tal-lanterni tat-toroq iżda mhux lil lis-Sur Richard Cauchi direttament.

Is-Segretarju Eżekuttiv kompla itenni li minħabba l-fatt li dawn il-kuntratturi huma fil-maġġoranza tagħhom kumpaniji Maltin, ġaladarba l-Kunsilli Lokali ta' Għawdex diġa għandhom lill-Kumpanija *Galea Curmi Engineering* bħala *Contracts Managar* tagħhom li topera f'dan is-settur u li indipendentament minn kollox xorta waħda qegħdin iħallsuha tax-xogħol li jordnawlha tagħmel f'isimhom, allura jkun aktar għaqli u konvenjenti għalihom li jużaw lis-servizzi tal-istess kumpanija *Galea Curmi Engineering* bħala intermeddjarju f'dawn il-każijiet li jkollkom sabiex tinsisti hi f'isimhom mal-kuntratturi dwar kull ħsara li jkollkom relatata ma' dak kollu li għandu x'jaqsam mal-elettriku fil-Lokalità tagħhom inkluż id-dwal u l-lanterni tat-toroq.

4.8 Is-Sur Saviour Borġ saqsa jekk il-Kunsilli Lokali ta' Għawdex humiex marbuta bil-fors li jużaw is-sistema u s-servizz tal-istess kumpanija *Galea Curmi Engineering* kull meta jkunu jinħtieġu li jirrapurtaw xi ħsarat ta' bozoz fit-toroq jew jirraportaw direttament lir-Reġjun Għawdex?

Is-Segretarju Eżekuttiv filwaqt li reġa' spjega kif il-Kumpanija *Galea Curmi Engineering* daħħlet fil-proċess allavolja ma hijiex hi l-kuntrattur tal-manutenzjoni tal-bozoz tat-toroq imma sempliċament li hi bħala *Contracts Managar* tal-Kunsilli Lokali ta' Għawdex li topera f'dan is-settur deherilha li jekk tikkrea sistema r-rapurtaġġ lill-Kuntrattur ikun aktar faċilitat, informa lill-membri preżenti li kemm-il darba jkun hemm Kunsilli Lokali li jippreferu li ma jużawx is-sistema tal-Kumpanija *Galea Curmi Engineering* biex jirrapurtaw ħsarat fil-bozoz tat-toroq lir-Reġjun, sabiex jirrapurtaw dawn il-ħsarat lir-Reġjun jew bis-sistema eżistenti tal-*Customer Care* jew b'*email* normali lir-Reġjun jew lis-Segretarju sabiex imbagħad tiġi mgħoddija lill-Kuntrattur.

4.9 Il-membri preżenti inkarigaw lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jgħaddi din l-informazzjoni lill-Kunsilli Lokali ta' Għawdex sabiex jgħarrfu jidderieġu rwieħhom kif spjegat.

4.10 Minħabba li tqajjem il-punt dwar kif għandhom jagħmlu l-Kunsilli Lokali meta minħabba urġenza qegħda tinħass il-ħtieġa li jixtru lanterni għad-dwal tat-toroq ġodda u li ma jistgħux jistennew lir-Reġjun joħroġ il-*Period Contract* għalihom, is-Segretarju Eżekuttiv infurmahom li r-Reġjun Għawdex, wara li ħa l-parir ta' *Galea Curmi Engineering*, qiegħed jirrakkomanda li kemm-il darba hemm Kunsilli Lokali li ma għandhomx għażla oħra ħlief li jixtru l-lanterni ġodda mill-aktar fis possibbli, biex dawn għalissa biss jixtru dawn il-lanterni b'*direct order* iżda wara li jiġbru kwotazzjonijiet mingħand il-kuntratturi rispettivi li oriġinarjament rebħu l-offerta biex mingħandhom inxtraw il-lanterni biex inbiddlu d-dwal tat-toroq ta' Għawdex kollu minn dak SON għal dak LED li huma:

1. Lot 1 - Electrical Supplies and Services Ltd.
2. Lot 2 - Nexos Lighting
3. Lot 3 - Camray Co Ltd.
4. Lot 4 - Econetique

4.11 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmahom li fir-rigward ta' arbli ġodda jew bdil ta' arbli eżistenti, ir-Reġjun Għawdex fuq parir ta' *Galea Curmi Engineering* ukoll, jirrakkomanda li l-Kunsilli Lokali għandhom jibqgħu jikkuntatjaw lill-Kuntrattur Richard Cauchi sabiex jagħmel dawn ix-xogħolijiet relatati hu sakemm tinħareġ l-offerta għal *Period Contract* mir-Reġjun Għawdex.

4.12 Il-membri preżenti inkarigaw lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jgħaddi din l-informazzjoni lill-Kunsilli Lokali ta' Għawdex ukoll sabiex jgħarrfu jidderieġu rwieħhom kif spjegat.

**5. <u>Tfassil tal-*Memorandum of Understanding* mal-Belt ta' Montpellier fi Franza</u>**

5.1 Il-President Dr Samuel Azzopardi informa lill-membri preżenti li wara li r-Reġjun Għawdex kien iddikkjara l-interess li jagħmel ġemellaġġ mal-Belt ta' Montpellier ma' min hu responsabbli minn dawn il-proġetti diplomatiċi fil-*Cultural Diplomacy Unit* fi ħdan il-Ministeru tal-Affarijiet Barranin ta' Malta, dawn min-naħa tagħhom kienu aċċettaw din ir-rikjesta u li tant kienu ħerqana li jibdew it-taħdidiet li talbu lir-Reġjun Għawdex sabiex jipprepara l-*Memorandum of Understanding*(MoU) sabiex jiġi preżentat mill-Ambaxxatur ta' Malta għal Franza l-Eċċ.Vincent Camilleri lis-Sindku tal-Belt Montpellier fi Franza sabiex jkunu jistgħu jibdew it-tħejjijiet.

5.2 Wara li l-membri preżenti ngħataw kopja ta' dan il-*Memorandum* imħejji mis-Segretarju Eżekuttiv u l-President tar-Reġjun u ngħatat spjegazzjoni dwar l-oqsma li r-Reġjun Għawdex jixtieq li jikkoopera l-aktar, ir-Reġjun Għawdex approva dan il-*Memorandum of Understanding* u inkariga lis-Segretarju sabiex jikkomunikah lill-*Cultural Diplomacy Unit* fi ħdan il-Ministeru tal-Affarijiet Barranin ta' Malta, għall-attenzjoni tagħhom.

5.3 Ir-Reġjun inkariga lis-Segretarju Eżekuttiv ukoll sabiex jibda kuntatti mal-*Malta EU Steering Action Comittee(MEUSAC)* sabiex ir-Reġjun Għawdex, konxju li din il-proposta tista' issir realtà, japplika taħt il-proġett *'Europe for Citizens'* biex jibbenefika mill-Fondi tal-Unjoni Ewropea u ma jinħoloqx piż finanzjarju akbar fuq ir-Reġjun Għawdex fl-eventwalità ta' dan il-ġemellaġġ.

**6. <u>Tisħiħ tar-relazzjonijiet mar-Reġjun Emilia-Romagna fl-Italja</u>**

6.1 Il-President Dr Samuel Azzopardi esprima x-xewqa li r-Reġjun Għawdex jerġa' jagħti spinta bil-għan li jiġu re-attivati sabiex jerġgħu jissaħħu aktar ir-relazzjonijiet li għandna mar-Reġjun Emilia-Romagna fl-Italja. Filwaqt li ta' rendikont tal-proġetti li saru flimkien inkluż il-parteċipazzjoni annwali fil-*Festival des Lycéens et Apprentis – European Orchesta* li ta' kull sena jittella' fir-Reġjun ta' Aquitane fi Franza, semma ukoll xi pjanijiet li hu għandu għall-futur sabiex il-membri ikollhom l-opportunità li jevalwawhom u jagħtu l-proposti tagħhom ukoll qabel ma jiġu diskussi fir-Reġjun Għawdex.

6.2 Il-President informa lill-membri preżenti li r-Reġjun Għawdex fuq stedina mis-Sur Enrico Gurioli, Konslu ta' Malta għar-Reġjun Emilia-Romagna fl-Italja, ġie mistieden jipparteċipa f'Manifestazzjoni Kulturali u Enogastronomika li tinżamm ta' kull sena fil-Belt ta' Cervia fl-Italja.

Filwaqt li mill-qalb irringrazzja f'isem ir-Reġjun lis-Sur Enrico Gurioli tax-xogħol li jagħmel tant kemm iħobb lill-Gżira Għawdxija, il-President Dr Samuel Azzopardi għarraf lill-membri preżenti li fuq inizjattiva tiegħu u

grazzi għall-protocol li jeżisti bejn ir-Reġjun Għawdex u l-Emilia-Romagna, il-President tal-Aġenzija li ser torganizza l-edizzjoni ta' din is-sena, is-Sur Nevio Ronconi, fil-ġranet li ġejjin ser jgħamel żjara ta' kortesija ġewwa l-Gżira ta' Għawdex, fejn ser tiġi esplorata u ikkunsidra bis-serjetà il-vijabilità ta' din il-proposta sabiex imbagħad ir-Reġjun Għawdex jevelwa jekk jisfruttax jew mod ieħor din l-opportunità billi jibda jipparteċipa f'din il-Manifestazzjoni unika fejn il-protagonista prinċipali hu l-melħ li fil-Belt ta' Cervia hu imsejjaħ bħala d-deheb l-abjad għax minn dejjem kien assoċjat mal-ħajja, l-istorja u l-identita tal-Belt.

6.3 Il-membri preżenti filwaqt li irringrazzjaw lill-President tal-inizzjattiva li ħa, qabblu li opportunitajiet bħal dawn għall-Għawdex għandhom dejjem jiġu inkoraġġiti u awguraw lir-Reġjun kull suċċess għal din l-istedina li qegħda issir.

## 7. <u>Sottomissjoni ta' Applikazzjoni oħra mill-Aġenzija Pubblika MIEMA f'isem ir-Reġjun Għawdex għall-proġett Erasmus+ ko-finanzjat mill-Fondi tal-Unjoni Ewropea</u>

7.1 Il-President Dr Samuel Azzopardi informa lill-membri preżenti li grazzi għall-approvazzjoni tar-Reġjun li jipparteċipa bi sħab mal-Aġenzija Pubblika *Malta Intelligent Energy Management Agency* (MIEMA) f'numru ta' Proġetti ko-finanzjati mill-Unjoni Ewropea, bi pjaċir ħabbar li din l-Aġenzija għadha kif issottomettiet applikazzjoni oħra ġdida f'isem r-Reġjun Għawdex għall-proġett Erasmus+ ko-finanzjat mill-Unjoni Ewropea u li għadhom qegħdin jistennew risposta jekk ġiex aċċettat jew mod ieħor.

Il-President għarraf lill-membri preżenti li din id-darba l-iskop ta' dan il-proġett hu li tinħoloq parteċipazzjoni strateġika bejn skejjel, negozji u istituti ta' reċerka madwar il-Mediterran bil-għan li jiżviluppaw modi ġodda ta' tagħlim, studju u taħriġ kontemporanjament b'mod virtwali. L-intenzjoni hi li grazzi għat-tekonoloġija diġitali, l-iskejjel jiġu trasformati f'ambjent fejn l-ippjanar, it-tagħlim u t-taħriġ f'livelli varji ikunu kapaċi jħarrsu aktar lejn l-inklużjoni soċjali u l-perspettiva tas-swieq varji fl-istess ħin li dawn qegħdin jitrasformaw ruħhom kontinwament.

L-aħbar intalqet b'applaws mill-membri preżenti filwaqt li awguraw kull suċċess għal dawn il-proġetti ta' fejda fil-qasam tal-Edukazzjoni b'mod speċjali l-opportunitajiet liż-żgħażagħ Għawdxin ġewwa Għawdex.

## 8. <u>Ħruġ ta' Offerti Reġjonali f'isem il-Kunsilli Lokali ta' Għawdex</u>

8.1 Il-President Dr Samuel Azzopardi saqsa jekk wasalx iż-żmien li jibdew jinħarrġu Offerti Reġjonali f'isem il-Kunsilli Lokali ta' Għawdex. L-għan ta' din il-proposta hu li r-Reġjun Għawdex bl-approvazzjoni tal-Kunsilli Lokali kollha, jibda joħroġ offerti li jkopru l-Gżira ta' Għawdex kollha u li x-xogħolijiet li jsiru f'kull lokalità jew l-oġġetti u s-servizzi li jinxtaw bl-istess offerti jitħallsu mill-Kunsilli Lokali rispettivi.

Bħala eżempji issemmew kif dawn jistgħu jvarjaw minn offerti jiġifieri (*Quotations, Tenders* jew *Period Contracts*) għall-asfaltar ta' toroq, *patching* ta' toroq, bankini, ġbir ta' skart jew *Bulky refuse*, xiri ta' *traffic signs*, madum, *railings*, apparat tal-*playing fields*, jew kwalunkwe xogħol ta' *maintenance,* kif ukoll dak kollu li hu komuni f'kull lokalità li hawn f'Għawdex u li l-lista tagħhom tista' tkun infinita.

Il-President fakkar ukoll li r-Reġjun diġa qiegħed jopera b'dan il-mod fil-qasam relatatat mad-dwal tat-toroq li ġie devolut lilu. Biss, ir-Reġjun jemmen li dan il-kunċett jista' jiġi estiż għal kull ħaġa li teżisti f'kull lokalità ta' Għawdex. Filwaqt li ħass li għandu jippreċiża ukoll li għax id-dwal tat-toroq ġie devolut lir-Reġjun Għawdex, ma jfissirx lanqas li allura kull offerta li ser jibda joħroġ ir-Reġjun Għawdex f'isem il-Kunsilli Lokali ta' Għawdex l-affari in kwistjoni trid tkun ġiet l-ewwel devoluta lir-Reġjun Għawdex bħalma hu d-dwal tat-toroq.

8.2 Wara diskussjoni interessanti fejn numru ta' membri preżenti esprimew l-prokkupazzjoni tagħhom dwar l-effetti li din il-proposta jista' jkollha fuq awtonomija sħiħa li jgawdu l-Kunsilli Lokali ta' Għawdex fil-preżent, il-President filwaqt li irrikonoxxa l-biża' tagħhom ħass li għandu jippreċiża ukoll li l-iskop aħħari ta' din il-proposta ma huwiex biex ir-Reġjun Għawdex jakwista xi pretensjoni jew jedd reali jew immaġinarju jew saħansitra poter kostituzzjonali akbar minn dak diġa mogħti lilu bil-liġi a skapitu tal-Kunsilli Lokali ta' Għawdex, imma sempliċament biex il-Kunsilli Lokali ta' Għawdex jakkwistaw prezzijiet aktar ġusti, kompetittivi u vantaġġjużi b'dan il-mod kif qiegħed jiġi propost milli minn kif qiegħed jiġri bħalissa fejn kull Kunsill qed jingħata ċertu prezzijiet għax il-Lokalita' hija dik li hi.

8.3 Għaldaqstant, il-membri preżenti qabblu u nkarigaw lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jikkomunika din il-proposta lill-Kunsilli Lokali ta' Għawdex fejn jitlobhom sabiex bħala Kunsilli Lokali ta' Għawdex jiddiskutu din il-proposta fi ħdan il-Kunsilli Lokali tagħkom u jekk jaqblu, jissuġġerixxu lir-Reġjun Għawdex liema huma dawk l-oqsma li għalihom huma jħossu li jekk tinħareġ offerta Reġjonali ikun aktar vantaġġjuż mill-i*status quo*. Imbagħad kemm-il darba ikun hemm qbil dwar din il-proposta, dawn is-suġġerimenti ikunu jistgħu jiġu diskussi f'laqgħa apposta tar-Reġjun Għawdex.

## 9. Il-Proċess tal-*e-procurement* kif introdott għall-Kunsilli Lokali

9.1 Wara li l-President Dr Samuel Azzopardi stieden lill-membri preżenti sabiex jagħtu l-veduti tagħhom dwar dan il-proċess kif introdott għall-Kunsilli Lokali mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali, ir-Reġjun Għawdex, wara li ħa konjizzjoni kemm tal-proposti kif ukoll tal-ilmenti imressqa mill-Kunsilli Lokali ta' Għawdex; kif ukoll wara li evalwa l-proċess kollu ta' kif il-Kunsilli Lokali ġew ordnati jintroduċu fil-ħruġ tal-offerti għall-Pubbliku interessat skont il-*Public Procurement Regulations*, ħass li għandha titwaqqaf *Procurement Unit* fi ħdan id-Dipartiment tal-Gvern Lokali bl-iskop li tiffaċilità l-proċess ta' applowdjar biss tal-offerti tal-Kunsilli Lokali kollha skont ma jirrikjedi l-proċess tal-*e-tendering* bħalma għandu kull Dipartiment tal-Gvern f'kull Ministeru tiegħu.

Infatti, il-membri kollha esprimew il-fatt li l-proċess il-ġdid hu wieħed esiġenti ħafna għall-Kunsilli Lokali rispettivi meta imqabbel man-numru ta' offerti li kull Kunsill Lokali joħorġ ta' kull sena u li żgur ma huwiex xi wieħed fenomenali daqs kemm wieħed jippretendi. Kif ukoll, li hu proprju minħabba f'hekk ukoll li dan il-proċess qiegħed jivverifika ruħu kumplikat iżżejjed.

Il-membri preżenti filwaqt li irrikonoxxew il-fatt li l-iskop li l-Kunsilli Lokali ġew mitluba jamministraw il-proċess tal-*e-tendering* mill-bidu sat-tmiem hu proprju minħabba l-awtonomija li l-istess Kunsilli Lokali suppost igawdu u għandu jkollhom fl-amministrazzjoni tal-Kunsill u l-Lokalità tagħhom, jibqa' fatt magħruf li ġaladarba l-proċess tal-*e-tendering* imponut hu wieħed ċentralizzat u amministratt mid-Dipartiment tal-Kuntratti filwaqt li kull deċiżżjoni matulu hi sottomessa għall-approvazzjoni tal-*Departimental Contracts Committee* li twaqqaf apposta f'kull Ministeru, jirrendi din l-awtonomija għal waħda, suġġettiva, diskuttibbli u suxxettibbli.

Huma filwaqt li saħħqu li din il-*Procurement Unit* lanqas għandha tieħu r-responsabbilta' tal-proċess tal-*e-tendering* f'isem il-Kunsilli Lokali kollu hi kif inhu l-każ f'kull Ministeru, insistew li t-tfassil tat-*Tender Document* kif ukoll l-proċessi tal-ftuħ tat-*Tenders* u l-Evalwazzjoni tagħhom għandhom jibqgħu prerogattiva tal-Kunsilli Lokali. Biss ix-xogħol l-ieħor relatat ma' dan il-proċess, jagħmel sens li jkun amministrat minn din il-*Procurement Unit* li fil-waqt li tkun speċċjalizzata fuq hekk biss u allura l-proċess tirrendieh wieħed efiċċjenti aktar, fl-istess waqt tkun qegħda taċċerta ruħha f'isem id-Dipartiment li l-proċess f'kull offerta li l-Kunsilli Lokali joħorġu jkun korrett u konformi mal-*Public Procurement Regulations* u li f'każ ta' identifikazzjoni ta' xi skorrettezzi matul il-proċess jiġu jdentifikati u sorvolati qabel mal-istess offerta tinħareġ kif jgħidu *on the market*.

9.2 Għaldaqstant, ir-Reġjun Għawdex inkariga lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex f'isem il-Kunsilli Lokali ta' Għawdex jikteb lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn jirrakkomanda li għandha titwaqqaf *Procurement Unit* fi ħdan l-istess Dipartiment filwaqt li formalment iressaq din il-proposta għall-attenzjoni u l-kunsiderazzjoni tad-Direttur fid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

## 10. Korrispondenza

10.1 Laqgħa mitluba mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali għas-Sindki kollha nhar il-Ġimgħa 6 u s-Sibt 7 ta' Mejju 2016 ġewwa il-Lukanda Calypso, Marsalforn, Għawdex - Ir-Reġjun innota l-kontenut filwaqt li l-Presdent Dr Samuel Azzopardi appella sabiex kulħadd jattendi bi ħġaru aktar u aktar li l-Laqgħa ser tinżamm ġewwa Għawdex.

10.2 Rikjesta mill-Kunsill Lokali Għajnsielem fejn qiegħed jitlob l-approvazzjoni jew mod ieħor tar-Reġjun Għawdex sabiex ikun jista' isebbaħ *traffic island* fi Triq il-Ġnien, Għajsielem u għaldaqstant għandu bżonn jikkonnettja il-*wires* mal-eqreb arblu tad-dawl tat-toroq li hemm fl-istess triq. Hawnhekk, is-Sur Franco Ciangura ddikkjara kunflitt ta' interess minħabba li hu s-Sindku tal-Lokalità ta' Għajnsielem u talab sabiex

jirtira mis-Sala sabiex ir-Reġjun ikun jista' jkompli jiddiskuti din it-talba - Is-Segretarju Eżekuttiv irrimarka li s-Sur Franco Ciangura ma kellux għalfejn jirtira mis-sala minħabba l-fatt li skont l-istess *Contracts Manager* tal-Kunsill Lokali Għajnsielem *Galea Curmi Engineering*, din it-talba ma tirrikjedix l-approvazzjoni tar-Reġjun għax ma tirrigwardax dwal tal-toroq imma biss l-approvazzjoni tal-EneMalta. Hu infurmahom ukoll li fil-fatt it-talba lill-EneMalta min-naħa tal-Kunsill jirriżulta li diġa saret.

10.3 Stedina mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali sabiex fir-Reġjun Għawdex tiġi organizzata laqgħa ta' tagħrif dwar il-Program *Meludia* li l-Prim Ministru ta' Malta ser ikun qiegħed iniedi nhart it-Tnejn 2 ta' Mejju 2016 - Ir-Reġjun innota l-kontenut. Wara diskussjoni interessanti ir-Reġjun iddeċieda li ġaladarba dan il-program sar fuq inizzjattiva tal-Gvern Ċentrali, ikun aktar għaqli u prudenti jekk il-laqgħa f'Għawdex tinżamm fis-swali tal-Ministeru għal Għawdex. Ir-Reġjun, inkariga lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jinforma b'dan lid-Dipartiment tal-Gvern lokali kif ukoll li din il-laqgħa għandha tinżamm nhar it-Tnejn 9 ta' Mejju 2016 filwaqt li joffri kull għajnuna meħtieġa fl-organizzazzjoni ta' din il-laqgħa informattiva.

10.4 Stedina mill-Ministeru għall-Iżvilupp Sostenibbli, Ambjent u Tibdil fil-Klima bil-kollaborazzjoni tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn kien qiegħed jitlob li tinżamm laqgħa ta' informazzjoni għall-Kunsilli Lokali kollha ta' Għawdex dwar l-introduzzjoni tal-*organic bag* lejn l-aħħar kwart ta' din is-sena - Ir-Reġjun innota l-kontenut. Wara diskussjoni qasira ir-Reġjun iddeċieda li din il-laqgħa għandha tinżamm nhar il-Ġimgħa 6 ta' Mejju 2016 fl-10a.m. ġewwa s-Sala tal-Kunsill Lokali Città Victoria. Ir-Reġjun, inkariga lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jinforma lill-Kunsilli Lokali ta' Għawdex bit-tibdil min dak li diġa ġie diskuss fir-Reġjun aktar qabel u li forsi jissemma fil-laqgħa sabiex jinforma lill-Kunsilli Lokali kollha kemm dwar dak li jkun issemma kif ukoll dwar il-proċduri li qabel magħhom ir-Reġjun, filwaqt li joffri kull għajnuna meħtieġa fl-organizzazzjoni ta' din il-laqgħa informattiva.

10.5 Proposta għal-laqgħa mitluba mir-Reġjun Għawdex mar-rappreżentanti tal-*Environment Resources Authority* (ERA) b'rabta mal-ġbir tal-iskart u l-introduzzjoni tal-proċeduri l-ġodda li kienu ġew diskussi aktar qabel - Ir-Reġjun innota l-kontenut u iddeċieda li l-informazzjoni li ingħatat mis-Segretarju Eżekuttiv f'din il-laqgħa wara li dakinhar stess filgħodu kien iltaqa' ma' dawn l-Uffiċċjali hija għalissa sodisfaċenti u li allura ma tinħassx il-ħtieġa li tinżamm laqgħa oħra f'dan ir-riġward. Ir-Reġjun, inkariga lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jinforma b'dan lill-Uffiċċjali tal-ERA filwaqt li jirringrazzjahom tal-interess, id-disponibilità u l-kollaborazzjoni li huma wrew mar-Reġjun Għawdex.

## 11. <u>Approvazzjoni tal-Pagamenti</u>

11.1 Il-President Dr Samuel Azzopardi talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jagħti spjega tal-pagamenti li kienu qegħdin jiġi preżentati lir-Reġjun għall-approvazzjoni.

Wara l-ispjega sodisfaċenti li ngħatat mis-Segretarju Eżekuttiv fejn ġie imfisser kull ħlas rispettiv kif ukoll il-fatt li dawn il-ħlasijiet ser ikunu rifużi kollha mil-LESA għax huma ħlasijiet amministrattivi, ir-Reġjun approva l-iskeda tal-pagamanti nru 41 li tammonta għal €15,680.14ċ kif annessa mal-minuti.

## 12. <u>Materji Oħra</u>

12.1 Il-President Dr Samuel Azzopardi irrimarka li wara diskussjoni li kellu mas-Segretarju Eżekuttiv is-Sur George Refalo, issemma l-punt li r-Reġjun Għawdex qatt ma ingħata Insinja Uffiċċjali mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali u li għaldaqstant il-membri qatt ingħataw *lapel badge* Uffiċċjali tar-Reġjun Għawdex lanqas.

Wara diskussjoni interessanti, il-membri preżenti qabblu li r-Reġjun għandu jikteb lid-Direttur tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar dan filwaqt li jitolbu direzzjoni f'dan ir-rigward kif ukoll gwida dwar min għandu eventwalment iħallas kemm għall-insinja kif ukoll għal-*lapel badge*.

12.2 Il-President Dr Samuel Azzopardi għarraf lir-Reġjun li s-Segretarju kien irrimarkalu ukoll li meta fl-2009 kienu nżammu ċelebrazzjonijiet kommemorattivi imtella' mill-Kumitat Ċelbrazzjonijet Nazzjonali u Reġjonali fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex fl-okkażjoni tal-50 Anniversarju mill-ewwel eżekuzzjoni tal-Innu lil Għawdex - Kliem tal-Poeta Ġorġ Pisani u Mużika tal-Prof. Joseph Vella, il-Kunsilli Lokali ta' Għawdex ingħataw kopja tal-partitura tal-Innu tal-mużika u l-kliem u li minħabba l-fatt li r-Reġjun Għawdex kien għadu ma twaqqafx, dan ma għandux kopja u li jkun xieraq li r-Reġjun jingħata kopja tal-Innu

preferibilment iffirmata mill-kompożitur peress li l-awtur ma għadux magħna, sabiex tinżamm fl-Uffiċini tar-Reġjun; kif ukoll kif ukoll kopja tal-istess Innu kif adattat għal kull strument tal-Banda u s'intendi bid-dritt tal-kompożitur li jippermetti lir-Reġjun Għawdex li jkun jista' jdoqq jew ikanta l-istess Innu fl-okkażjonijiet li jiġu organizzati ta' kull sena fosthom Jum Għawdex.

Il-Viċi-President is-Sur Noel Formosa filwaqt li faħħar l-inizzjattiva insista ukoll li din l-inizzjattiava għandha tiġi estiża sabiex tinkludi ukoll oġġetti jew affarijiet oħra relatati mar-Reġjun ta' Għawdex u li għandu jkollhom post xieraq fil-bini tar-Reġjun li kull ma jmur qiegħed aktar jinħass il-bżonn tiegħu.

12.3 Is-Sur Edward Said filwaqt li saqsa dwar jekk il-program marbut maċ-Ċelebrazzjonijiet ta' Jum Għawdex 2016 huwiex lest jew mod ieħor, issuġġerixxa li għandħa tinżamm attività sportiva miftuħa għal kulħadd bħala parti minn dawn iċ-ċelebrazzjonijiet. Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill-membri li minħabba l-fatt li d-Dipartiment tal-Gvern Lokali għadu ma infurmax lir-Reġjun dwar jekk l-applikazzjoni tar-Reġjun għall-fondi skont *Memo 30/2015 - Cultural Events Initiative Scheme for Local Councils* ġietx aċċettata jew mod ieħor, is-Sotto-Kumitat Ċelebrazzjonijiet Jum Għawdex 2016 li ġie maħtur fil-laqgħa tar-Reġjun Nru 55 li inżammet nhar il-Ġimgħa 26 ta' Frar 2016 għadu ma iltaqax b'mod formali u għalhekk il-proposta ser tiġi kkunsidrata fl-ewwel laqgħa ta' dan is-Sotto-Kumitat.

Il-Viċi-President is-Sur Noel Formosa stieden lill-membri tar-Reġjun sabiex minn għandu xi suġġeriment sabiex jgħaddihom lis-Segretarju għad-diskussjoni fi ħdan is-Sotto-Kumitat. Hu filfatt issuġġerixxa ukoll li x-xewqa tiegħu dejjem kienet li Jum Għawdex ikun verament jinkludi lill-Għawdex kollu u dak kollu li hu Għawdxi u li fil-kapaċita' tiegħu ta' membru ta' dan is-Sotto-Kumitat ser jagħmel l-almu kollu tiegħu sabiex dan jitwettaq.

Il-laqgħa ntemmet fis-8.30 p.m. u ġiet aġġornata *sine die*.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| ________________________ | ________________________ |
| Dr. Samuel Azzopardi<br>President | George Refalo<br>Segretarju Eżekuttiv |